MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 68/2013

Rikors Guramentat Nru. 68 / 13RGM

Kawza fil-lista: 34

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi b'sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet "A B pro et noe vs. C B" (Citazzjoni numru 1169/92 FD) l-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla ddecidiet 'inter alia' –

"Tilqa' t-Tielet Domanda billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti, u tillikwida l-istess komunjoni billi tiddikjaraha li tikkonsisti fid-dar matrimonjali li ggib in-numru sbatax (17), fi Triq il-Parata fSanta Venera u l-ghamara u l-oggetti li jinsabu gewwa fiha, l-ammonti ta' flus li jinsabu fil-banek u l-oggetti kollha li jinsabu fil-pussess tal-kontendenti, u tiddividiha billi tassenja lill-attrici dak kollu li jinsab fid-dar matrimonjali hlief ghall-ilbies u l-oggetti personali tal-konvenut li qed jigu lilu assenjati; dwar id-dar matrimonjali tordna li dina tinbiegh bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' obblaturi estranei wara li jghaddu sentejn mid-data ta' din is-sentenza, u fdan l-intervell l-attrici ghandu jkollha l-uzu esklussiv ta' l-istess dar u l-konvenut ghandu jhalli d-dar ghal kollox fi zmien tletin (30) gurnata millum; mir-rikavat ta' l-istess bejgh tal-fond matrimonjali l-attrici ghandha tircevi s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) u l-bilanc ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; il-partijiet ghandhom izommu ghalihom dak kollu li prezentement jinsab fil-pussess taghhom u dan kollu jkun per saldu ta' kull pretensjoni li hurna jistghu jkollhom kontra xulxin jew kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti."

2. Illi wara li ghalqu s-sentejn, C B talab li d-dar tinbiegh bis-subbasta.

3. Illi fil-jum tas-subbasta, tnejn minn ulied il-kontendenti u zwieghom offrew li jixtru n-nofs indiviz minghand missierhom, u dan accetta li jbiegh in-nofs indiviz appartenenti lilu liz-zewg uliedhom u zwieghom, u b'hekk l-ewwel gie ffirmat konvenju u sussegwentement sar dan il-bejgh.

4. Illi b'sentenza moghtija fit-3 ta' Frar 2012 "Fl-Atti tar-rikors Revoka numru 363/11JA wara l-atti ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 466111 fl-ismijiet A B vs. C B", l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddecidiet-

" .... Li hu zgur hu li t-titolu ezekuttiv ghal Lm3,000 jezisti biss mal-bejgh tad-dar matrimonjali bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' obblaturi estranei; jekk tippretendi li xorta wahda hija intitolata ghal dik is-somma, anke fic-cirkostanzi prezenti, trid tagaixxi gudizzjarjament biex il-Qorti tara jekk ghandhiex taghti tali dikjarazzjoni. Ma tistax, pero, tippretendi li ghandha titolu ezekuttiv a bazi ta' cirkostanzi differenti minn dawk kontemplati mill-Qorti ghal holqien ta' tali titolu."

5. Illi l-esponenti ssostni li s-somma ta' Lm3,000 (EUR6,988.12) tmiss lilha u tikkontendi illi bis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000, l-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla riedet li 'in fin dei conti' l-esponenti tircievi sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti - ghax hekk intqal fis-sentenza - billi mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali l-attrici tircevi s-somma ta' Lm3,000.

6. Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi minkejja l-bidla fic-cirkostanzi billi d-dar ma nbieghetx bis-subbasta izda C B inkassa l-prezz ghas-sehem indiviz tieghu mill-imsemmija dar matrimonjali billi biegh dan is-sehem lil tnejn minn uliedu ghall-prezz accettat minnu, ir-rikorrenti A B xorta wahda ghandha tircievi s-somma ekwivalenti ghal Lm3,000 bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

2. Tikkundanna lill-konvenut C B ihallas lil A B is-somma ta' Euro 6,988.12, ekwivalenti ghal Lm3,000.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati jirrilaxxja a favur l-attrici A B l-imsemmija somma mic-Cedola li biha l-ammont issekwestrat minghand C B gie ddepozitat il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B li taqra kif gej:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u kwindi ghandhom jigu lkoll respinti ghar-ragunijiet elaborati ahjar aktar 'l isfel f'din ir-risposta u kif ukoll kif ser jirrizulta waqt l-ismiegh ta dan il-process;

2. In linea preliminari, pero, jinghad li l-meritu ta dan ir-rikors gia jinsab ezawrit in vista tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 3 ta Frar 2012 u ghalhekk il-materja in kwistjoni tinsab res judicata;

3. Illi fit-tieni lok u minnghajr pregudizzju ghal premess jinghad inoltre li 1-attrici ma ghandha ebda nteress guridiku tintavola l-odjerni talbiet taghha in vista tal-fatt li hija gia talbet u rceviet minnghand ir-Registratur tal-Qorti l-kumplament tal-flus li kien hemm depositati l-Qorti in segwitu tal-mandat ta sekwestru esekuttiv numru 466/11 u dana ghas-saldu ta kul dritt u pretenzjoni li hija setgha kellha fil-konfront tal-meritu tal-precitat mandat;

4. Illi fi kwalunkew kaz l-attrici ma ghandha ebda dritt legali li tippercepixxi l-imsemmija somma ta Lm3,000 illum €6,988.12 in vista tar-ragunijiet gia espressi fil-precitata sentenza tal-Appell u kif ukoll peress illi d-dar matrimonjali baqghet ma nbieghetx u l-istess attrici ghadha sal-gurnata tallum tokkupa l-istess bhala r-residenza ordinarja taghha;

5. Illi fi kwalunkwe kaz jinghad inoltre li kienet intlahqet transazzjoni bejn il-konjugi B meta sehem il-konvenut kien inbiegh lil tnejn minn uliedhom minflok l-intier lil terzi barranin bis-subbasta u ghalhekk ghal din ir-raguni ukoll l-attrici ma fadlilha ebda nteress guridiku li tibqa tressaq simili pretenzjoni a bazi tas-sentenza tas-separazzjoni datata 18 ta Ottubru tas-sena 2000;

6. B'riserva li jitressqu risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li minn issa tinsab ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Semghat it-trattazzjoni orali tal-Avukat tal-konvenut waqt l-udjenza tat-28 ta’ Jannar 2014 fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici tas-27 ta’ Frar 2014.[1]

Rat li fl-udjenza tas-26 ta’ Marzu 2014 il-partijiet talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-imsemmija l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-atti;

Ikkunsidrat;

**Il-Fatti**.

B’sentenza ta’ din il-Qorti tat-18 ta’ Ottubru 2000 gie ordnat il-bejgh bl-offerti u bl-inkluzzjoni ta’ obblaturi estranei ta’ dak l-immobbli f’Santa Venera li qabel kien id-dar matrimonjali tal-partijiet. Il-bejgh gie ordnat li jsir wara sentejn mis-sentenza u fil-frattemp l-attrici inghatat l-uzu esklussiv ta’ din id-dar sakemm tinbiegh. Il-konvenut gie ordnat jizgombra minnha u gie ordnat li mal-bejgh bis-subbasta kif spjegat tal-fond matrimonjali ir-rikavat kellu jigi percepiet in kwantu ghall-ewwel Lm3,000 mill-attrici wahedha filwaqt li l-bilanc kellu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

[1] Fol. 18

Wara li skadew is-sentejn imsemmija l-konvenut talab li d-dar tinbiegh bis-subbasta. Gara izda li fil-jum tas-subbasta, tnejn minn ulied il-partijiet flimkien ma' zwieghom offrew li jixtru n-nofs indiviz tal-fond de quo minghand missierhom il-konvenut. Il-konvenut accetta, is-subbasta ma saritx u gie ffirmat konvenju bejn il-konvenut u z-zewg uliedu u konsegwentement gie ppublikat il-kuntratt ta' bejgh ta' nofs indiviz tal-fond de quo. Sallum l-attrici ghadha proprjetarja ta' nofs indiviz tal-fond de quo u ghadha tirrisjedih fih.

Sussegwentement l-attrici talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv nru 466/11 fl-ismijiet 'A B vs. C B' ghas-somma ta' €10,563.24 ekwivalenti Lm3,000.00. Fl-14 ta' April 2011 C B ipprezenta rikors ghar-revoka tas-sekwestru liema talba giet michuda b'digriet tal-20 ta' Lulju 2011. C B appella minn tali digriet u b'decizzjoni tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-3 ta' Frar 2012 l-appell gie parzjalment akkolt billi s-somma sekwestrabbli giet ridotta ghal €3,575.12. F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ddikjarat dan li gej:-

"… Li hu zgur hu li t-titolu ezekuttiv ghal Lm3,000 jezisti biss mal-bejgh tad-dar matrimonjali bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' oblaturi estranei; jekk tippretendi li xorta wahda hija intitolata ghal dik is-somma, anke fic-cirkostanzi prezenti, trid tagixxi gudizzjarment biex il-Qorti tara jekk ghandhiex taghti tali dikjarazzjoni. Ma tistax, pero', tippretendi li ghandha titolu ezekuttiv a bazi ta' cirkostanzi differenti minn dawk kontemplati mill-Qorti ghal holqien ta' tali titolu."

Ghalhekk l-attrici istitwiet il-proceduri odjerni.

**L-Azzjoni**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob lill-Qorti illi tiddikjara li minkejja li ma sehhitx ic-cirkostanza kif kontemplata fis-sentenza fuq imsemmija, cioe' ma sarx il-bejgh bis-subbasta tad-dar matrimonjali bil-partecipazzjoni ta' offerenti estranei, id-dritt li tippercepixxi s-somma ta' Lm3,000 skatta meta l-konvenut biegh sehemu mid-dar matrimonjali lil terzi u inkassa l-valur ta' dak is-sehem. Din l-azzjoni giet promossa peress li d-dar matrimonjali ma nbieghetx bis-subasta kif kien kontemplat fis-sentenza filwaqt li l-konvenut biegh is-sehem indiviz tieghu u inkassa l-prezz ghal sehemu.

**L-Eccezzjoni Preliminari**.

Fl-eccezzjoni preliminari tieghu mertu ta' din is-sentenza, enumerata bhala eccezzjoni numru 2, il-konvenut eccepixxa hekk:-

"In linea preliminari, pero, jinghad li l-mertu ta' dan ir-rikors gia' jinsab ezawrit in vista tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 3 ta' Frar 2012 u ghalhekk il-materja in kwistjoni tinsab res judicata".

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Kif rajna, l-azzjoni odjerna tentata mill-attrici hija msejsa fuq il-premessa illi peress li din il-Qorti bis-sentenza taghha tat-18 ta' Ottubru 2000 kienet ordnat li mal-bejgh bis-subbasta tad-dar matrimonjali l-attrici kellha tippercepixxa mir-rikavat is-somma ta' Lm3,000 u mbaghad il-bilanc kellu jinqasam ugwalment bejn il-partijeit;  u peress li tali bejgh bis-subbasta ma sarx filwaqt li l-konvenut biegh nofs indiviz tal-fond lil uliedu, allura l-attrici qed titlob li f'dawn ic-cirkostanzi godda mhux kontemplati fis-sentenza ghandha tippercepixxi minghand il-konvenut is-somma ta' Lm3,000.00

Il-konvenut qed jeccepixxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* u fl-istess hin jissottometti illi l-mertu tar-rikors guramentat mertu tal-kawza odjerna "jinsab ezawrit in vista tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 3 ta' Frar 2012."

L-istitut tar-*res judicata* huwa min-natura tieghu ta' ordni pubbliku ghaliex isahhah il-forza legali tad-decizzjonijiet tal-Qrati taghna. "Sentenza li ghaddiet 'in giudicato' jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – res judicata pro veritate habetur – jigifieri l-fundament ta' l-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali." (Qorti tal-Appell - **Dr Jose' Herrera noe vs. Anthony Cassar et noe** – 15 ta' Ottubru 1992).

Hija gurisprudenza konstanti tal-Qrati taghna illi sabiex l-eccezzjoni tar-*res judicata* tigi akkolta jehtieg li jikkonkorri tlett elementi: *eadem res, eadem causa petendi* u *eadem personae.* Fis-sentenza **Charles Cortis vs. C X Aquilina** (Prim' Awla – 25 ta' Settembru 2003) jinghad illi "…. L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita' ta' decizzjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat."

Ezaminata l-eccezzjoni prelimari fid-dawl tal-gurisprudenza appena citata, jirrizulta *ictu oculi* lil din il-Qorti illi l-mertu tal-kawza odjerna ma huwiex l-istess mertu tas-sentenza pronunzjata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2012 li l-konvenut qed jinvoka ghall-finijiet tal-eccezzjoni tar-*res judicata*. Ghall-kuntrarju il-Qorti hi tal-fehma li l-mertu huwa totalment differenti.

Permezz tal-proceduri gudizzjarji decizi definittivament bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Frar 2012 l-attrici kienet qed tittenta tezegwixxi permezz ta' mandat ezekuttiv il-hlas minnha pretiz tal-ekwivalenti tas-somma ta' Lm3,000.00 imsemmija fis-sentenza tas-separazzjoni personali. Fis-sentenza tat-3 ta' Frar 2012 il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi l-attrici ma setghatx f'dak l-istadju tivvanta l-hlas tal-ekwivalenti tas-somma ta' Lm3,000 in kwantu l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) meta ippronunzjat is-sentenza tas-separazzjoni personali fit-18 ta' Ottubru 2000 ma kenitx ikkontemplat ic-cirkostanzi ezistenti llum. Il-hlas tas-somma ta' Lm3,000 kien gie abbinat biss mal-bejgh bis-subbasta bil-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei. Tant hu hekk illi l-istess Qorti tal-Appell ippronunzjat ruhha fis-sens illi jekk l-attrici jidhrilha li kellha dritt ghall-hlas tas-somma ta' Lm3,000.00 f'cirkostanzi differenti minn dawk kontemplati fis-sentenza tas-separazzjoni personali, kien jehtigilha li tistitwixxi proceduri gudizzjarji appoziti.

Proprju dak li ghamlet l-attrici permezz tal-kawza odjerna fejn qed titlob li tigi kanonizzata kreditrici tal-ekwivalenti fis-somma ta' Lm3,000 gialadarba il-konvenut biegh sehemu mid-dar matrimonjali.

Naturalment dak deciz bis-sentenza odjerna bl-ebda mod ma jikkostitwixxi pronunzjament dwar il-fondatezza o meno tat-talbiet attrici, mertu li jrid jigi deciz fi stadju ulterjuri.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta u tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut enumerata bin-numru 2 billi tichadha u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------